MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 493/2009

**Mobisle Communications Limited C-24655**

**vs**

**Brenda Deguara ID-129378M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-22 ta' Gunju 2009, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro101.84c (mija u wiehed ewro u erbgha u tmenin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma client contract number 1017811 ghal servizzi rezi fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 30 ta' Marzu 2009 u ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro101.84c (mija u wiehed ewro u erbgha u tmenin centezmu)  bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------